



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 2 ta' Ġunju 2009 (03.06)
(OR. en)**

**9715/1/09
REV 1**

**JAI 280
ECOFIN 357
TRANS 187
RELEX 441
ECO 73
PESC 620
COTER 44
ENFOPOL 132
COSDP 439
PROCIV 70
ENER 176
ATO 48
DATAPROTECT 37
TELECOM 101**

NOTA

minn:	Koordinatur tal-UE ta' Kontra t-Terroriżmu
lil:	COREPER/Kunsill/Kunsill Ewropew
Suġġett:	Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu

Dan ir-rapport huwa tweġiba għat-talba tal-Kunsill Ewropew għal rapport ta' kull sitt xhur dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-ġlieda kontra t-terroriżmu adottat f'Ġunju 2004¹. Ir-rapport jagħti sommarju tal-progress minn Diċembru 2008 'l hawn tas-sitwazzjoni attwali rigward ir-ratifika tal-Konvenzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-atti leġislattivi meqjusa li għandhom prijorità, u li d-dettalji tagħhom huma mniżżlin fl-ADD 1.²

¹ L-aħħar verżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu tinsab f'7233/1/07 REV 1.

² Rapport preċedenti fi 15912/1/08

F'Diċembru 2005 l-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija Ewropea għal Kontra t-Terroriżmu, li tibqa' tipprovdi l-qafas għall-attività tal-UE f'dan il-qasam¹. L-impenn strateġiku tal-Unjoni huwa li t-terroriżmu jiġi miġġieled globalment filwaqt li jkunu rispettati d-drittijiet tal-bniedem, u li l-Ewropa ssir aktar sigura, waqt li tippermetti li ċ-ċittadini jgħixu f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-Istrateġija tiġbor l-azzjonijiet kollha taħt erba' intestaturi - PREVENZJONI, PROTEZZJONI, INSEGWIMENT u RISPONS. Il-Pjan ta' Azzjoni Rivedut isegwi dan il-mudell, bl-oġettiv li jiġi stabbilit b'mod ċar dak li l-UE qed tipprova tikseb u l-mezzi li bihom hija bi ħsiebha tagħmel dan. Ir-rapport ikopri progress fuq azzjonijiet individwali f'dan l-istess qafas.

Prevenzjoni

Reviżjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni

L-ewwel oġettiv tal-Istrateġija għal Kontra t-Terroriżmu huwa li tevita li persuni jdurru lejn it-terroriżmu billi jiġu ttrattati l-fatturi li jistgħu jwasslu għar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, fl-Ewropa u bnadi oħrajn. Biex jinkiseb dan l-oġettiv, f'Diċembru 2005 l-Kunsill adotta Strateġija u Pjan ta' Azzjoni biex jiġġieled ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ li qed jiġi rivedut kull sena².

Il-Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ ġie abbozzat matul il-Presidenza Ċeka bil-ħsieb tal-approvazzjoni tiegħu qabel Ġunju³.

In-Netwerk Ewropew tal-Esperti dwar ir-Radikalizzazzjoni (ENER) ġestit mill-Istitut tal-Bidla (Londra) u appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea fi Frar 2009 organizza seminar intitolat 'Il-fenomeni tar-radikalizzazzjoni fl-Ewropa: sfidi preżenti u trajettorji futuri'. L-ENER jikkonsisti min-netwerk ta' esperti prinċipali dwar ir-radikalizzazzjoni minn dixxiplini akkademiċi differenti li huma speċjalisti magħrufin fil-qasam tagħhom. Filwaqt li tiffoka fuq ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu li jwassal għal atti ta' terroriżmu, il-ħidma tal-ENER għandha l-għan li tapprofondixxi l-fehim tal-fenomeni tar-radikalizzazzjoni vjolenti sabiex jittejjbu l-approċċi ta' kontra t-terroriżmu u preventivi li jiġu segwiti fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri.

¹ 14469/4/05

² l-aħħar aġġornament 15443/07.

³ 9915/09 ADD 1 RESTREINT UE

Is-seminarju msemmi hawn fuq enfażizza u ddiskuta sejbiet prinċipali mill-erba' studji li ġew prodotti reċentement għall-Kummissjoni Ewropea¹ kif ukoll pprova forum għall-ħsieb kritiku dwar sfidi u xejriet futuri.

Fi Frar, il-Presidenza Ċeka ospitat 'Laqgħa ta' tnedija' fi Praga dwar 'Rabtiet bejn attivitajiet ta' estremiżmu lemini u t-terroriżmu'. L-għan tal-laqgħa kien li tittejjeb id-diskussjoni dwar l-estremiżmu lemini (RWE), il-karatteristiċi komuni tiegħu mat-terroriżmu, ir-relazzjoni mar-radikalizzazzjoni u dwar miżuri preventivi. Il-laqgħa nnifisha involviet ukoll diskussjoni dwar rabtiet possibbli bejn attivitajiet leminin estremi u t-terroriżmu, il-qies tiegħu u kif ukoll dwar miżuri preventivi u kurattivi permezz tal-istudji tal-każijiet u l-esperjenza Prattika. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ ġie rivedut abbażi tar-riżultati. L-abbozz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwistjoni se jiġi adottat sa Ġunju 2009².

Stati Membri Koordinaturi

Saret ħidma dwar sitt suġġetti mmexxija minn Stati Membri individwali (ir-Renju Unit, il-Ġermanja, l-Isvezja, l-Olanda u d-Danimarka). Il-metodu ta' ħidma wera l-merti tiegħu fil-ħolqien ta' ffokar kondiviż fuq sfidi prinċipali. Il-Belġju issa qed jisponsorja bi sħab mal-Isvezja l-ħidma dwar ir-rwol tal-uffiċjali tal-pulizija fir-rikonossiment u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, l-istess bħalma l-Olanda, ir-Repubblika Ċeka u r-Renju Unit huma msieħba fil-proġett immexxi mill-Ġermanja.

Fuq il-midja, ir-Renju Unit organizza sessjoni ta' ħidma informali dwar il-komunikazzjoni strateġika Kontra t-Terroriżmu mit-18 sad-19 ta' Frar. Is-sejbiet tal-laqgħa taw aktar ideat u impetu għal miżuri konkreti u Prattiki biex tiġi mmirata aħjar 'in-narrattiva kontra t-terroriżmu'. Huma jissottolinjaw ukoll l-importanza tal-komunikazzjoni proattiva tal-politiki ġenerali tagħna lid-dinja esterna. L-importanza li jinħatar uffiċjal tal-istampa tal-UE li jitkellem bl-Għarbi reġġet għet issottolinjata.

¹ 1. L-aħjar Prattiki fil-kooperazzjoni bejn is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet bil-ħsieb tal-prevenzjoni u r-rispons għar-radikalizzazzjoni vjolenti;
2. Il-fatturi li jistgħu jstimolaw jew jaffettwaw proċessi ta' radikalizzazzjoni vjolenti, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġ;
3. It-twelmin, l-ideoloġiji u n-narrattiva ta' radikali vjolenti; kif ukoll
4. Ir-reklutaġġ u l-mobilizzazzjoni għall-moviment militanti Islamiku fl-Ewropa.

² 9890/09

Rigward it-taħriġ tal-imam, Spanja mexxiet il-ħidma 'l quddiem billi kkompilat mappa tas-sitwazzjoni f'kull Stat Membru abbażi tal-input u t-tweġibiet tagħhom stess għal kwestjonarju. Fl-ewwel lok, il-ħidma se tiffoka biex turi stampa ċara tar-relazzjonijiet bejn ir-reliġjon u l-istat, ir-realtà tal-Islam f'kull Stat Membru kif ukoll l-eżistenza ta' ċentri ta' taħriġ għall-imams. Fit-tieni u t-tielet stadju, l-ffokar se jkun fuq l-identifikazzjoni ta' sfidi komuni, soluzzjonijiet possibbli għal dawn u l-aħjar prattiki.

Bħala sottoproġetti tal-inizjattiva Fittex fl-Internet, il-Ġermanja kienet minn tal-ewwel biex tindirizza l-prevenzjoni mill-kontenut terrorista fuq l-Internet bil-proġett "L-Esplorazzjoni tax-Xibka Estremista Islamika tal-Ewropa - Analiżi u Approċċi Preventivi". Il-proġett huwa mwettaq bi sħubija mal-Olanda, ir-Repubblika Ċeka u r-Renju Unit. Il-proġett se jiffoka fuq il-valutazzjoni konġunta tat-theddida li tqum minn websajts ta' sors miftuħ ta' estremisti vjolenti, speċjalment dawk immirati lejn udjenzi Ewropej, kif ukoll fuq modi possibbli biex titnaqqas b'mod sinifikanti d-disseminazzjoni ta' tali kontenut.

Il-Belġju ssieħeb mal-Isvezja fil-ħidma prinċipali dwar il-kapaċitajiet tal-pulizija lokali biex tirrikonoxxi u timpedixxi r-radikalizzazzjoni. Dan il-proġett se jiffoka fuq ir-rwol prinċipali tal-pulizija komunitarja. L-għan tagħha huwa wieħed doppju: l-ewwel, li toħloq għodda prattika biex toppoġġa uffiċjali ta' fuq il-front fir-rilevament bikri ta' sinjali ta' radikalizzazzjoni u, it-tieni, li tipprovdi metodu ta' ħidma konkret u operattiv għal dawn l-uffiċjali tal-pulizija billi tinvolvi msieħba lokali oħra. Ir-risultat tal-proġett jista' jintuża bħala bażi għat-taħriġ fl-akkademji nazzjonali tal-pulizija kif ukoll fis-Cepol.

Dwar ir-rwol tal-awtoritajiet lokali fil-prevenzjoni mir-radikalizzazzjoni, l-Olanda qed tmexxi inizjattiva biex tħares aktar mill-qrib lejn kif l-aħjar prattiki prattiċi flivell lokali jistgħu jiġu kondiviżi fost l-Istati Membri tal-UE. Il-proġett qed ikun ispirat mis-sejbiet ta' proġett li tlesta reċentement dwar ir-rikonoxximent tar-radikalizzazzjoni u l-għan se jkun li jiġu żviluppati metodi konkreti ta' għajjnuna lil professjonisti u attivisti komunitarji ta' fuq il-front fil-ħidma tagħhom dwar il-fehim ta' u l-prevenzjoni mir-radikalizzazzjoni.

Finalment, dwar il-prevenzjoni mir-radikalizzazzjoni, partikolarment fost iż-żgħażaġh, id-Danimarka daħlet għal proġett dwar id-diradikalizzazzjoni u diżingagġ ibbażat fuq l-ispirazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni nazzjonali tagħhom biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra fehmiet estremisti u r-radikalizzazzjoni fost iż-żgħażaġh. Il-proġett qed jitwettaq mill-Ministeru tal-Integrazzjoni fi sħubija mas-servizzi tas-sigurtà u mal-muniċipalitajiet. L-għan tiegħu hu li jiġu żviluppati għodod prattiċi bħal tekniki u konsulenza ta' kkwējar kif ukoll li jittejbu l-kuntatt u l-interazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet muniċipali.

Ċentrali għas-sitt proġetti kollha hu li huma jimmiraw lejn l-identifikazzjoni ta' approċċi innovattivi li jistgħu jkunu ta' karattru mudell għal Stati Membri oħra. Huma se jimmiraw kollha lejn l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki prattiċi kif ukoll lejn il-produzzjoni ta' għodod konkreti ta' rilevanza possibbli għal Stati Membri oħra.

Ġie prodott filmat taħt it-tmexxija tal-Koordinatur Kontra t-Terroriżmu biex juri xi inizjattivi konkreti fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ fl-Ewropa.

Fittex fl-Internet

Rigward l-iżviluppi tal-inizjattiva Fittex fl-Internet ġestiti mill-Europol, l-appoġġ tal-Istati Membri għall-proġett ġie ostakolat mir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data li llimitaw l-input ta' data personali fil-portal. Il-problema ġiet identifikata u l-Europol wara konsultazzjoni mal-Korp Konġunt ta' Sorveljanza għandu ħsieb li jemenda l-qafas legali tal-portal Fittex fl-Internet biex jinkorporah f'ambjent ta' fajl ta' ħidma analitika¹.

In-numru ta' kontijiet offruti lill-Istati Membri se jiżdied b'mod sinifikanti minn Lulju 2009 bl-implimentazzjoni fl-Europol tal-proġett tal-Ġestjoni tal-Aċċess għall-Identità. Madankollu xi Stati Membri għadhom qed jiffaċċjaw diffikultajiet fl-użu tal-portal, minħabba l-fatt li l-Unità/Unitajiet Kontra t-Terroriżmu tagħhom mhumieq direttament konnessi miegħu, iżda jiddependu mill-konnessjonijiet disponibbli fl-Unità Nazzjonali tal-Europol għall-aċċess għall-portal Fittex fl-Internet.

¹ 9604/09

It-tieni fażi tal-Portal Fittex fl-Internet qed tiġi implimentata u għandha tkun operattiva għalkollox sal-aħħar tas-sena bl-integrazzjoni ta' fajls awdjo u vidjo kif ukoll tal-analiżi tad-dokumenti u dikjarazzjonijiet pprovduti mill-Istati Membri.

Alleanza taċ-ċivilizzazzjonijiet

L-UE tikkontribwixxi għall-ħidma importanti tal-Alleanza taċ-Ċivilizzazzjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni mill-estremiżmu u r-radikalizzazzjoni.

Il-laqgħa reċenti f'Istambul, mis-6 sat-8 ta' April, kienet okkażjoni biex jiġu vvalutati l-isforzi tagħna f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Alleanza taċ-Ċivilizzazzjonijiet ta' Settembru 2008. Mhux inqas fil-qasam tal-midja kien utli li ġew skambjati u kkondiviżi l-aħjar prattiki.

Il-Mekkaniżmu tal-Midja b'Reazzjoni Rapida kien għodda utli biex tiġi pprovduta pjattaforma għall-vuċijiet li jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu t-tensjonijiet fi żminijiet ta' kriżi transkulturali billi jiġu fformolati kwistjonijiet kontroversjali f'termini inqas polarizzanti.

Protezzjoni

It-tieni objettiv tal-Istrateġija Kontra t-Terroriżmu huwa l-protezzjoni taċ-ċittadini u l-infrastruttura u t-tnaqqis tal-vulnerabbiltà tagħna għal attakki, fost l-oħrajn permezz ta' sigurtà mtejbja tal-fruntieri, it-trasport u l-infrastruttura kritika.

Minħabba problemi tekniċi fl-implimentazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), Settembru 2009 deher li kien skadenza mhux realistika. Skont l-iskeda l-għdida, ġie maqbul li tiġi posposta l-implimentazzjoni għal mhux aktar tard minn Ġunju 2010.

L-Istati Membri qablu dwar ir-rakkomandazzjonijiet biex ikomplu jtejbju l-kwalità ta' informazzjoni inkluża fis-SIS dwar dokumenti mitlufin u misruqin u biex jiġi indirizzat il-periklu li jinħoloq bl-użu ħażin tad-dokumenti tal-identità minn kriminali u terroristi¹.

¹ 7499/2/09

Il-leġislazzjoni relatata mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) tinvolvi b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-bijometrika (ritratt tal-wiċċ diġitali u marki tas-swaba' diġitali) fil-proċedura ta' applikazzjoni għall-viża ta' persuni ta' 12-il sena u akbar, l-introduzzjoni ta' fajls tal-viża f'bażi tad-data komuni u l-użu ta' din id-data għall-fini tal-kontroll konfinali fil-fruntieri esterni. Ingħata wkoll l-aċċess għall-VIS minn awtoritajiet nominati tal-Istati Membri u għall-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rilevament u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħrajn. Fis-6 ta' April 2009, il-Kunsill ħa nota ta' rapport mill-Presidenza, abbażi tal-attivitajiet tal-Grupp ta' Ħbieb tal-VIS, dwar il-progress li sar fl-iskjerament tal-VIS. L-intenzjoni hi li jinbdew l-operazzjonijiet tal-VIS fil-21 ta' Diċembru 2009 fir-rigward tal-Afrika ta' Fuq, li huwa l-ewwel reġjun fl-iżvilupp reġjonali tas-sistema.

Il-leġislazzjoni dwar passaporti u dokumenti tas-safar maħruġin mill-Istati Membri timplika li sa Ġunju 2009 tali dokumenti għandhom jinħarġu bħala dokumenti individwali u għandhom ikun fihom ċippa b'identifikaturi bijometriċi fil-każ ta' persuni ta' 12-il sena jew aktar.

B'segwitu għall-proċess ta' evalwazzjoni, ġie konkluż li l-Konfederazzjoni Svizzera kienet qed tapplika l-acquis ta' Schengen b'mod korrett u li għalhekk kienet qed tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-ammissjoni tal-pajjiż fiż-żona ta' Schengen. Il-kontrolli fil-fruntieri tal-art bejn l-Isvizzera u l-ġirien tagħha tal-UE tneħħew fit-12 ta' Diċembru 2008 u fil-fruntieri tal-ajru tneħħew fid-29 ta' Marzu 2009.

F'Ottubru li għadda l-Kunsill Ewropew, meta adotta l-Patt Ewropew dwar l-immigrazzjoni u l-asil¹, talab li fl-2009 jiġi stabbilit 'uffiċċju ta' appoġġ Ewropew fil-qasam tal-asil bil-kompitu li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, ta' analiżi u ta' esperjenzi bejn l-Istati Membri u li jiżviluppa kooperazzjoni Prattika bejn l-amministrazzjonijiet inkarigati bl-eżami ta' applikazzjonijiet għall-asil'. Fi Frar il-Kunsill kellu l-ewwel skambju ta' fehmiet dwar proposta ġdida għall-istabbiliment ta' uffiċċju ta' appoġġ Ewropew fil-qasam tal-asil, fil-kuntest tal-iżvilupp ta' sistema Ewropea ta' asil komuni²

¹ 13440/08

² 6700/09

F'April 2009, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Komunikazzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni "Il-protezzjoni tal-Ewropa mill-attakki ċibernetiċi u t-tfikkil fuq skala kbira: titjib fit-tnejn, is-sigurtà u r-reżistenza". L-oġġettiv tal-Komunikazzjoni hu t-titjib fit-tnejn u l-kapaċità ta' reazzjoni tas-CIIP fl-UE u l-promozzjoni tal-adozzjoni ta' livelli adatti u konsistenti ta' miżuri preventivi, ta' rilevament, ta' emerġenza u ta' rkupru kif ukoll it-trawwim ta' kooperazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari dwar l-istabbiltà u r-reżistenza tal-Internet.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali L 345 fit-23 ta' Diċembru 2008.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (EPCIP) ta' Diċembru 2006 stabbilixxiet il-kooperazzjoni esterna bħala waħda mill-pilastri tal-EPCIP¹. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni Ċivili tal-Kunsill (PROCIV) impenja ruħu bl-eżami tal-implimentazzjoni ta' dik id-dimensjoni esterna.

F'Ottubru 2008, il-Kummissjoni ppreżentat il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Netwerk ta' Informazzjoni ta' Twissija dwar l-Infrastruttura Kritika (CIWIN)² li qed jiġi eżaminat mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni Ċivili tal-Kunsill.

¹ 16932/06

² 15041/08 + ADD 1 - 13, 5052/09 u 5102/09

Sigurtà tat-trasport

Fi Frar¹, il-Kunsill adotta sitt atti leġislattivi² li huma parti mit-tielet pakkett marittimu, skont it-testi konġunti li fuqhom intlaħaq qbil mal-Parlament Ewropew taħt il-proċedura ta' konċiljazzjoni Parlament-Kunsill. Is-sitt atti leġislattivi adottati jappartjenu lil serje ta' miżuri, li jikkonsistu minn total ta' seba' proposti leġislattivi, bl-għan, fost l-oħrajn, li jsaħħu s-sigurtà tat-trasport marittimu fl-Ewropa.

Sigurtà ta' splussivi

Biex jiġu implimentati l-azzjonijiet 1.2.7 u 4.3.1 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar it-Titjib tas-Sigurtà ta' Splussivi³, adottati mill Kunsill f'April 2008, il-Presidenza Ċeka fasslet ktejjeb li fih informazzjoni prinċipali dwar il-proċeduri u l-esperjenzi tal-Istati Membri dwar l-imblukkar jew il-waqfen tas-sinjali tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika⁴.

Sar ukoll progress fil-ħidma dwar it-titjib tas-sigurtà tal-prekursuri tal-isplussivi. Il-Kumitat Permanenti għall-Prekursuri, li hu magħmul minn esperti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mis-settur privat, iltaqa' għas-sitt laqgħa tiegħu fi Frar 2009 biex jiddiskuti r-Rapport Annwali tiegħu għall-2008. Ir-Rapport Annwali fih numru ta' rakkomandazzjonijiet konkreti dwar il-prekursuri ta' tħassib mill-akbar. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu l-projbizzjoni tal-bejgħ ta' ċerti sustanzi 'l fuq mil-limitu ta' konċentrazzjoni speċifika lill-pubbliku ġenerali, it-tqegħid tal-użu professjonali ta' dawn il-prekursuri taħt kontroll aħjar (eż. r-reġistrar tal-identità tax-xerrej), jew l-istabbiliment ta' sistema għar-reġistrar ta' transazzjonijiet suspettużi.

¹ Adottat mill- (l-2927 ĠAI) Kunsill fis-27.02.2009 u ffirmat fit-23 ta' April 2009

² Dokumenti PE CONS:

Direttiva 3719/08 dwar is-Soċjetajiet ta' klassifikazzjoni

Regolament 3720/08 dwar is-Soċjetajiet ta' klassifikazzjoni

Direttiva 3721/08 dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

Direttiva 3722/08 dwar il-Monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti

Direttiva 3723/08 dwar l-Investigazzjoni tal-inċidenti

Regolament 3724/08 dwar ir-Responsabbiltà ċivili tas-sidien tal-bastimenti

³ 8311/08

⁴ 8185/09 RESTREINT UE

Mill-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar it-Titjib tas-Sigurtà ta' Splussivi, l-Europol kien qed jaħdem b'mod attiv biex jiġi implimentat il-pjan. Il-ħolqien ta' Network Ewropew tat-Tneħħija ta' Mezzi Esplożivi (EEODN) huwa wieħed mill-kisbiet. Is-Sistema ta' Twissija Bikrija (EWS) preżentement qed tiġi żviluppata minn Spanja bi sħubija mal-Europol. Il-preżentazzjoni, l-implimentazzjoni u l-iskjerament tagħha lill-Istati Membri kollha interessati huma mistennijin jibdw sal-aħħar tal-2009.

Is-Sistema Ewropea tad-Data dwar il-Bombi (EBDS) hi mistennija li tkun operattiva sal-ewwel nofs tal-2010 u, ladarba tkun fis-seħħ, tippermetti t-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn esperti fl-oqsma tal-isplussivi u tas-CBRN¹. Diġà tnediet proċedura ta' sejħa għal offerti mill-Europol.

In-Network Ewropew tat-Tneħħija ta' Mezzi Esplożivi (EEODN) jibqa' l-uniku network tal-esperti fi splussivi fl-UE. Jekk jingħata finanzjament, l-EEODN hu mistenni jiżviluppa inizjattivi, inkluż it-taħriġ, li aġenziji tal-Istati Uniti jistgħu jiġu mħajrin jipparteċipaw fihom.

Riċerka relatata mas-sigurtà

Fil-15 ta' Jannar 2009, fil-Laqgħa informali tal-Ministri tal-Ġustizzja u l-Intern ġie diskuss l-użu ta' teknoloġiji moderni għal skopijiet ta' sigurtà. Il-Ministri fil-biċċa l-kbira jaqblu li dan il-qasam li qed jiżviluppa rapidament jeħtieġ approċċ sistematiku. Il-Ministri nnotaw, b'mod partikolari, li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ma jistgħux jaqgħu wara l-kriminali fil-kapaċità tagħhom li jużaw teknoloġiji moderni b'mod effiċjenti.

Fil-laqgħa tal-Kunsill tal-ĠAI f'Ġunju, il-President tal-Forum Ewropew għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fis-Sigurtà (ESRIF) se jippreżenta r-rapport finali tal-ESRIF. L-ESRIF ġie stabbilit fl-2007, u l-kompitu tiegħu kien li jippreżenta priyoritajiet għall-perijodu medju u dak fit-tul għar-riċerka dwar is-sigurtà. B'mod partikolari, l-aġenda tal-ESRIF kienet mistennija li tistabbilixxi perspettivi sal-2030 kif ukoll tiżviluppa d-dimensjoni ta' 'innovazzjoni' b'kont meħud tal-attivitajiet ta' riċerka tal-Istati Membri.

¹ Kimika, Bijoloġija, Radjoloġija u Nukleari.

In-Netzwerk Ewropew għas-Servizzi Teknoloġiċi tar-Rinfurzar tal-Liġi (ENLETS), stabbilit waqt il-Presidenza Franċiża, beda l-ħidma tiegħu u qiegħed fil-proċess li jasal għal qbil dwar ir-regoli ta' proċedura li jimmiraw biex l-ENLETS ikun għodda faċli biex tintuża, li jopera fuq bażi informali, li jwettaq l-oġettiv ewlieni tiegħu ta' titjib fil-kooperazzjoni bejn il-forzi tal-pulizija nazzjonali fil-qasam tat-teknoloġija tas-sigurtà, li jissimplifika l-iskambji ta' informazzjoni ġdida u esperjenza Prattika biex b'hekk jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet. Il-laqgħat tal-punti ta' kuntatt rilevanti għandhom jippermettu l-identifikazzjoni ta' "spazji vojta" (sa llum teknoloġija li ma teżistix) u diskussjonijiet biex jinħoloq ambjent kompetittiv fejn l-aktar soluzzjoni adatta għall-utent aħħari tkun ikkunsidrata b'relazzjoni ma' rekwiżiti speċifiċi.

Insewiment

It-tielet oġettiv tal-istrategġija Ewropea kontra t-terroriżmu huwa l-insewiment u l-investigazzjoni tat-terroristi minn naħa għal oħra tal-fruntieri tagħna kif ukoll globalment: l-impediment tal-ippjanar, l-ivvjagħar u l-komunikazzjoni; it-tarbit tan-netwerks ta' appoġġ; il-qtuġ tal-finanzjament u l-aċċess għal materjali għall-attakk, u t-tressiq tat-terroristi quddiem il-ġustizzja.

Kondiviżjoni ta' Data

Il-Kunsill jendorsja l-linji gwida għall-implimentazzjoni tad-"Deċiżjoni Kwadru Svediża" (Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea)¹ li daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru 2008. Id-diskussjonijiet qed ikomplu jippromwovu l-użu li qiegħed dejjem jikber ta' dan il-qafas legali ġdid, prinċipalment billi jrendu l-forma standard aktar faċli għall-utent.

¹ 8083/09

Il-proċedura ta' evalwazzjoni li tawtorizza lill-Istati Membri biex jibdew l-iskambju tad-DNA, il-marki tas-swaba' u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI (Deċiżjonijiet Prüm), attwalment qed tiġi finalizzata u hija mistennija li tiġi applikata fix-xhur li ġejjin għal diversi Stati Membri.

Il-Presidenza u l-Kummissjoni komplew il-ħidma fil-kuntest tal-Grupp ta' Kuntatt ta' Livell Għoli UE-Stati Uniti dwar il-protezzjoni tad-data u l-iskambju tad-data. Intlaħaq qbil li għandu jitħejja pjan direzzjonali għal Ftehim futur UE-Stati Uniti dwar il-protezzjoni tad-data sabiex ikun hemm għażliet ċari għall-Ftehim futur. In-naħa tal-UE kompliet tisħaq man-naħa tal-Istati Uniti dwar l-importanza li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għall-prinċipju ta' rimedju ġudizzjarju.

Fir-rigward tal-proposta għal Deċiżjoni Qafas dwar il-PNR, il-Presidenza Ċeka inkorporat il-konklużjonijiet tar-rapport li sar waqt il-Presidenza Franċiża fit-test dwar l-abbozz tad-Deċiżjoni Qafas. Ir-raba' qari tad-Deċiżjoni qafas kien finalizzat.

Europol u Eurojust

It-timijiet tan-negozjati tal-Europol u l-Eurojust eventwalment waslu għal qbil dwar l-emendi għall-ftehim ta' kooperazzjoni tagħhom, li kien mitlub mill-Kunsill sal-aħħar tal-2008. Is-CTC jilqa' l-approvazzjoni imminenti mill-Kunsill tal-ftehim rivedut ta' kooperazzjoni u jissuġġerixxi li jseħħ rapportar regolari dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim rivedut lill-Kunsill.

Europol

Fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' April 2009, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol). Din id-deċiżjoni ser tikkontribwixxi għal titjib fl-operat u l-funzjonament amministrattiv tal-Europol u testendi l-mandat tal-Europol biex ikopri l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u l-forom l-oħra kollha ta' reati serji mingħajr il-ħtieġa ta' dimostrazzjoni tal-involvement ta' struttura kriminali organizzata.

Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jaħtar Direttur ġdid għall-Europol għall-perijodu ta' erba' snin li jibda fis-16 ta' April 2009.

Liġi kriminali: Approssimazzjoni tal-liġi kriminali tal-Istati Membri u rikonossiment reċiproku

Id-Deċiżjoni Qafas li temenda d-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu tal-2002 (2002/475/ĠAI) ġiet adottata mill-Kunsill f'Novembru 2008¹. Id-Deċiżjoni Qafas emendata tkopri b'mod partikolari ż-żieda tal-provokazzjoni tal-pubbliku biex iwettaq reat terroristiku, ir-reklutaġġ u t-taħriġ għat-terroriżmu.

F'Novembru 2008, il-Kunsill adotta Deċiżjoni Qafas dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali². L-għan ta' dan l-att huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għad-drittijiet u l-libertajiet bażiċi, u partikolarment il-privatezza tal-individwi, filwaqt li jiġi garantit livell għoli ta' sigurtà pubblika fl-iskambju tad-data personali.

Fi Frar 2009, il-Kunsill adotta Deċiżjoni Qafas dwar l-iskambju bejn l-Istati Membri tal-UE³, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali. Din id-Deċiżjoni Qafas timmira għal titjib fl-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kundanni kriminali mogħtija lil ċittadini tal-Istati Membri tal-UE. Hija tistabbilixxi r-regoli bażiċi għat-trasmissjoni ta' informazzjoni dwar kundanni lill-pajjiż li tiegħu l-persuna għandha ċ-ċittadinanza kif ukoll għall-ħażna ta' tali informazzjoni minn dak il-pajjiż u għat-trasmissjoni mill-ġdid, fuq talba, lil Stati Membri oħrajn. Il-Kunsill, f'April 2009 dan segwih bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) b'applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI⁴ li tistabbilixxi sistema kompjuterizzata ta' interkonnessjoni bejn il-bażi tad-data tar-rekords kriminali nazzjonali.

¹ ĠU L 330 tad-9.12.2008, p. 21

² ĠU L 350 tat-30.12.2008, p. 60

³ ĠU L 93 tas-7.4.2009, pp, 23 u 33

⁴ ĠU L 93 tas-7.4.2009, pp, 23 u 33

Fi Frar, il-Kunsill adotta wkoll Deċiżjoni Qafas dwar it-titjib tad-drittijiet proċedurali ta' persuni u l-promozzjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku fir-rigward ta' sentenzi mogħtija fl-assenza tal-persuna li tkun qed tiġi pproċessata (proċessi "in absentia")¹. Id-differenzi fl-approċċ fl-UE kollha kienu qed joħolqu grad ta' inċertezza u dewmien f'każijiet fejn l-akkużati ġew ikkundannati fl-assenza tagħhom. Il-garanziji proċedurali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni Qafas, b'mod partikolari d-dritt għall-proċess mill-ġdid jew appell jekk l-akkużat ma kienx infurmat sew dwar il-proċess oriġinali u ma ħatarx avukat biex jirrappreżentah, ser jippermettu lill-Istati Membri li jinfurzar is-sentenzi ta' xulxin b'fiduċja akbar li d-drittijiet ta' difiża tal-persuna jkunu rrispettati bis-sħiħ.

L-istrumenti eżistenti dwar ir-rikonossiment reċiproku (Deċiżjonijiet Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, il-penali finanzjarji, l-ordinijiet ta' konfiska, it-trasferiment ta' persuni kkundannati, u l-monitoraġġ ta' miżuri ta' probation u sanzjonijiet alternattivi) ser ikollhom jiġu modifikati biex jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas.

Kooperazzjoni operattiva

Kienu evalwati r-riżultati tal-Operazzjoni Doganali Konġunta ATHENA li ffokat fuq il-ħasil tal-flus marbut mal-finanzjament tat-terroriżmu u attivitajiet illeċiti oħrajn, li saret f'Settembru 2008. Is-sinerġija operattiva bla preċedent bejn aġenziji u organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll il-konferma u l-identifikazzjoni tal-indikaturi tar-riskju kienu l-kisbiet ewlenin, iżda aktar titjib fl-iskambju ta', u aċċess għall-informazzjoni kienu wkoll identifikati.

Bil-ħsieb tat-titjib tal-komunikazzjoni bir-radju bejn l-unitajiet operattivi f'żoni transkonfini u l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-forzi tal-pulizija, kien ippreżentat abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill² lill-Kunsill li tipproponi diversi miżuri tekniċi, inkluż l-iżvilupp ta' interfaces bejn is-sistemi, l-allokazzjoni ta' frekwenzi adatti u l-iżvilupp ta' standard Ewropew fir-rigward ta' komunikazzjoni ta' data b'veloċità kbira u l-funzjonalità tar-roaming li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi.

¹ ĠU L 81 tas-27.03.2009, p. 24

² 6210/1/09

Il-Kunsill approva, fl-aħħar tas-sena l-oħra, Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u l-Interpol¹. L-għan tal-Ftehim huwa li jitlejeb it-taħriġ tal-uffiċjali anzjani tal-pulizija, partikolarment permezz tal-kooperazzjoni fl-organizzazzjoni ta' korsijiet, seminars u konferenzi u fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kurrikula komuni u materjali għall-korsijiet.

Finanzjament tat-terroriżmu

Is-CTC ħareġ l-ewwel rapport tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Riveduta dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu². Rappurtar sussegwenti dwar din l-Istrateġija ser ikun integrat fir-rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni.

Fi Frar, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħasil tal-flus, it-tiftix, is-sekwestru u l-konfiska tar-rikavat mill-kriminalità u dwar il-finanzjament tat-terroriżmu

Rispons

Ir-raba' prijorità tal-Istrateġija tal-UE Kontra t-Terroriżmu hija biex inħejju ruġna, fi spirtu ta' solidarjetà, biex insibu rkaptu u nminimizzaw il-konsegwenzi ta' attakk terroristiku, billi ntejbu l-ħila tagħna biex nittrattaw il-konsegwenzi, il-koordinazzjoni tar-rispons, u l-ħtiġijiet tal-vittmi. Fl-aħħar tas-sena li għaddiet, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet li jappellaw għal titjib fil-kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili b'sistema ta' assistenza reċiproka Ewropea li tibni fuq l-approċċ modulari tal-protezzjoni ċivili³.

¹ 13756/08

² 8864/1/09

³ 16474/08

Vittmi tat-terroriżmu

Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li l-vittmi tat-terroriżmu jiġu onorati u jenfasizza li s-solidarjetà, l-assistenza u l-kumpens għall-vittmi tat-terroriżmu u l-familji tagħhom jikkostitwixxu parti integrali mir-rispons għat-terroriżmu. Dan huwa sottolinjat minn diversi azzjonijiet meħuda mill-Kunsill, il-Presidenza u r-Rappreżentat Għoli tal-UE għall-PESK Javier Solana. Fi Frar, ir-Rappreżentant Għoli żar il-wirja dwar il-"Vittmi tat-Terroriżmu" fil-Parlament Ewropew. Vidjo li sar għall-Ewwel Jum Ewropew għall-vittmi tat-terroriżmu jinsab fuq il-paġna web tal-Kunsill.

F'Diċembru l-Kummissjoni assenjat EUR 200,000 lin-Netwerk tal-Assoċjazzjonijiet tal-Vittmi tat-Terroriżmu, li attwalment qed jistabbilixxi mappa tal-assoċjazzjonijiet fl-UE li jipprovdu assistenza lill-vittmi tat-terroriżmu u fil-bidu tal-2009 fetax is-sit elettroniku tiegħu www.europeanvictims.net. Is-sit elettroniku fih il-mappar imsemmi qabel, deskrizzjoni tal-programm tal-volontarjat u informazzjoni relatata oħra. In-Netwerk organizza avvenimenti kommemorattivi dwar il-Jum Ewropew għall-Vittmi tat-Terroriżmu fil-11 ta' Marzu u ser jorganizza seminar dwar il-leġislazzjoni dwar it-terroriżmu fil-21-22 ta' Mejju f'Turin, l-Italja.

Fi Frar 2008 l-Kummissjoni stabbiliet Task Force dwar is-CBRN sabiex tressaq flimkien il-kompetenzi rilevanti f'dan il-qasam. L-għan tat-Task Force kien li tgħin lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa politika dwar is-CBRN. Saru debitament il-laqgħat kollha tal-esperti skedati li ndirizzaw il-prevenzjoni, il-kxif u r-rispons għal theddid bijoloġiku, radjonukleari u kimiku. F'Jannar 2009, il-Presidenza Ċeka laqgħet fi Praga Konferenza dwar is-CBRN sabiex tikkonkludi b'mod formali l-ħidma tat-Task Force dwar is-CBRN.

Il-Konferenza, li attendewha esperti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni, il-Koordinatur Ewropew Kontra t-Terroriżmu u s-settur privat, laqgħet flimkien il-ħidma tas-sottogruppi u l-faxex kollha tat-Task Force u indirizzat il-kwistjonijiet orizzontali essenzjali. Ir-rapport finali tat-Task Force, li ġie ppreżentat fil-konferenza, ser jikkostitwixxi l-bażi għall-"pakkett ta' politika dwar is-CBRN" tal-Kummissjoni, li ser jiġi adottat fl-10 ta' Ġunju 2009.

Matul it-tieni ċiklu tal-evalwazzjoni tal-pari ta' arranġamenti nazzjonali għal kontra t-terroriżmu li ffokat fuq l-istat ta' thejjiya u l-immaniġġar tal-konsegwenzi, 19-il Stat Membru ġew evalwati s'issa (sa Mejju 2009). L-awtoritajiet prinċipali li qed jipparteċipaw f'dan l-eżerċizzju huma l-forzi tal-pulizija, is-servizzi tas-sigurtà u tal-intelligence, u l-korpi tal-protezzjoni ċivili bħad-dipartimenti tat-tifi tan-nar u d-difiża ċivili. Il-forzi armati, waqt li jipprovdu rinforz lill-awtoritajiet ċivili f'każ ta' hteġa, l-NGOs, bħas-Soċjeta' tas-Salib l-Aħmar, ġew involuti wkoll fiż-żjara mill-esperti fxi wħud mill-Istati Membri evalwati. L-Istati Membri wrew l-interess kbir tagħhom fl-inizjattiva permezz ta' approċċ attiv lejn it-tħejjijiet u l-implimentazzjoni taż-żjarat. Il-parteeċipazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Europol tat valur miżjud lill-missjonijiet ta' evalwazzjoni.

Kooperazzjoni internazzjonali

L-UE u l-Istati Membri tagħha komplew ikunu attivi fil-promozzjoni ta' miżuri li jevitaw it-terroriżmu permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u fid-djalogu dwar il-politika tagħhom ma' pajjiżi terzi. Barra mill-ivvjaġġar regolari tiegħu għal konferenzi u impenji ta' diskorsi, is-CTC għamel żjajjar bilaterali mat-Turkija, il-Pakistan u l-Jemen. Rapporti dettaljati dwar dawn iż-żjajjar ġew iċċirkolati mill-COREU. Is-CTS qed jippjana li fil-futur qarib iżur l-Afganistan, l-Indja u l-Afrika tat-Tramuntana.

Organizzazzjonijiet internazzjonali

F'konformità mal-oġġettiv ġenerali tagħha li tappoġġa l-aktar kooperazzjoni multilaterali wiesgħa possibbli, l-UE tpoġġi enfasi partikolari fuq ir-rwol tan-Nazzjonijiet Uniti. Sar djalogu partikolarment mill-qrib mad-Direttorat Eżekuttiv għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu tan-NU (CTED). Mike Smith, id-Direttur Eżekuttiv tas-CTED, fid-29 ta' Jannar 2009 ta informazzjoni lill-grupp ta' ħidma COTER u l-persunal tiegħu żar Brussell għal diskussjonijiet aktar dettaljati. Aħna qbilna dwar il-possibbiltà li r-rappreżentanti tal-UE jkunu inklużi fil-Missjonijiet organizzati mis-CTED, għalkemm dan għadu ma seħħx fil-fatt. Kien hemm ukoll kuntatt regolari mal-Kap tal-Fergħa kontra t-Terroriżmu tal-UNODC, li ta informazzjoni lill-COTER fl-1 ta' April, u l-Presidenza Ċeka stiednet ukoll lid-Direttur magħżul tal-CTITF biex jagħti informazzjoni lill-COTER.

L-UE tkompli taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħra sabiex tfittex sinerġiji u tiżgura komplimentarjetà fl-approċċ. F'dan ir-rigward saru kuntatti informali man-NATO u mal-Unjoni Afrikana. Il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu tidher ukoll fl-aġenda regolari tal-kuntatti tal-UE mal-ASEM u l-ASEAN.

Assistenza teknika

L-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu joffru assistenza teknika lil numru kbir ta' pajjiżi sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jiġġieldu kontra t-terroriżmu. Il-Programm Indikattiv 2009-2011 għall-Istrument ta' Stabbiltà jinkludi l-ewwel miżuri globali kontra t-terroriżmu żviluppati mill-Kummissjoni flimkien ma' esperti minn Stati Membri tal-UE. Il-prijoritajiet prinċipali huma l-Pakistan u l-Afganistan, kif ukoll ir-reġjun Sahel fl-Afrika. Il-programm jinkludi wkoll komponent sinifikanti biex tiġi ttrattata t-theddida tal-piraterija għal rotot marittimi kritiċi, b'mod partikolari fil-Golf ta' Aden, billi tittejjeb il-kapaċità ta' stati mal-kosta biex jagħmlu r-ronda fl-ilmijiet territorjali tagħhom stess u jiskambjaw informazzjoni. Rabtiet bejn it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata huma indirizzati f'oqsma bħat-traffikar tad-drogi mill-Amerika Latina għall-Afrika tal-Punent, it-traffikar ta' armi żgħar u armamenti ħfief, u traffikar illeċitu ta' materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN).

Il-Pakistan, b'mod partikolari, wera r-rieda li jstabbilixxi kooperazzjoni CT mal-UE waqt iż-żjara tas-CTC f'Jannar 2009, meta ntlaga' fl-oġġla livell inkluż minn dak li kien il-Konsulent għall-Intern Rehman Malik, li issa huwa Ministru. Missjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni komposta minn Stati Membri tal-UE u l-Kummissjoni li saret bejn il-25 ta' Marzu u l-4 ta' April esplorat possibbiltajiet għal assistenza finanzjarja fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi; il-ġustizzja kriminali u d-deradikalizzazzjoni. Ir-rapport ta' din il-Missjoni qed jiġi mħejji.

Il-potenzjal għal kooperazzjoni CT fis-Sahel kien diġà meqjus minn missjoni li żaritu f'Ġunju tas-sena l-oħra. Dokument dettaljat dwar l-għażliet għal impenn usa' mill-UE f'pajjiżi tas-Sahel kien iffinalizzat fil-grupp COAFR wara diskussjoni ma' gruppi interessati rilevanti oħra, u aktarx li se jkollu segwitu minn missjoni oħra fir-reġjun.

Fid-djalogu tagħha mal-imsieħba, b'mod bilaterali u multilaterali, l-UE kompliet tenfasizza li l-ġlieda kontra t-terroriżmu għandha titmexxa b'konformità sħiħa mal-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. F'Diċembru 2008 sar seminar ma' Iżrael biex jindirizza speċifikament id-dilemmi li dan jippreżenta għad-demokraziji.

L-ewwel laqgħa tat-Trojka għal Kontra t-Terroriżmu mal-Eġittu saret fi Brussell fil-31 ta' Marzu, u l-ewwel żjara tat-Trojka fil-Jemen saret fis-6/7 ta' Mejju. Laqgħat regolari tat-Trojka saru wkoll mal-Kanada, r-Russja u l-Istati Uniti. Ġiet miftehma laqgħa mal-Indja għall-11 ta' Ġunju fi New Delhi. Is-sessjoni ta' ħidma annwali mal-GCC dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu saret f'Riyadh fl-4/5 ta' Mejju.

Fid-9/10 ta' Diċembru l-Europol ospitat seminar ta' jumejn li ffoka fuq l-attivitajiet mad-dinja kolla tat-Tigri tal-Liberazzjoni tat-Tamil Eelam (LTTE). Dan laqqa' rappreżentanti minn 15-il Stat Membru tal-UE kif ukoll mill-Awstralja, il-Kanada, in-New Zealand, is-Sri Lanka, l-Istati Uniti, l-Isvizzera u l-Interpol. Fit-30 u l-31 ta' Marzu, l-Eurojust ospitat laqgħa ta' tattika dwar l-attivitajiet kriminali mad-dinja kollha tal-LTTE.

Balkani tal-Punent

Matul il-Presidenza Slovena, fl-ewwel nofs tal-2008, ġie mniedi proġett dwar l-iskambju tal-aħjar Prattika u r-rakkomandazzjonijiet għall-ġlieda kontra t-terroriżmu fl-Istati Membri tal-UE mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Matul il-Presidenza Franċiża tkomplet il-ħidma preparatorja u matul il-Presidenza Ċeka ġew organizzati żjajjar preparatorji fis-Serbja, l-BiH, l-FYROM u l-Kroazja. Ir-rapporti interim ġew ippreżentati lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu. Wara ż-żjajjar preparatorji u l-endorsjar sħiħ tal-inizjattiva, ser jiġi ppreżentat kwestjonarju lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li qed jipparteċipaw biex jivvalutaw l-istrutturi tagħhom għal kontra t-terroriżmu. Abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjajjar lill-pajjiżi, ser jitfasslu rakkomandazzjonijiet dwar l-arranġamenti kontra t-terroriżmu fil-pajjiżi parteċipanti (abbażi tal-mudell tal-ewwel ċiklu tal-evalwazzjoni tal-pari kontra t-terroriżmu tal-UE).

Fl-4/5 ta' Mejju, kien organizzat seminar fi Praga mill-Eurojust f'kooperazzjoni mal-Ministeri Ċeki tal-Ġustizzja u tal-Intern, u l-Pulizija Ċeka, dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

PESD

L-EDA qed tiffoka l-ħidma tagħha kontra t-terroriżmu fil-faxx ta' prevenzjoni u rispons.

PREVENZJONI

Rigward il-ġestjoni tal-ġarfien, l-EDA qed tikkomplementa l-isforz ċivili biex ittejjeb is-sigurtà permezz ta' taħriġ fl-analiżi.

RISPONS

F'kooperazzjoni mill-qrib ma' esperti nazzjonali, l-EDA qed tiżviluppa d-definizzjoni ta' kapaċitajiet nazzjonali kontra apparat splużiv improvizzat (CIED).

Ġew żviluppati aktar kapaċitajiet fl-oqsma ta' Kxif, Identifikazzjoni u Monitoraġġ (DIM) tas-CBRN u t-Tneħħija ta' Mezzi Splużivi (EOD) tas-CBRN.

Saru l-ewwel passi b'suċċess fil-faxx ta' ħidma tal-Kontra Sistemi li Jinġarru mill-Bniedem ta' difiża mill-Attakki bl-Ajru (C-MANPADS).

Komplet il-ħidma fuq il-ħolqien ta' netwerk ta' Sorveljanza Marittima għall-UE kollha (MARSUR) għall-operazzjonijiet tal-PESD.

Proġett li għaddej bil-ġħan li jtejjeb il-kooperazzjoni tal-Istati Membri dwar is-Sistemi Futuri ta' Vetturi tal-Ajru Bla Ekwipaġġ (FUAS) ukoll ser ittejjeb il-kapaċitajiet fil-ġlieda Ewropea kontra t-terroriżmu.

L-EDA qed tiżviluppa proġett dwar l-Irkupru tal-Persunal (PRE) li jfittex soluzzjonijiet għall-irkupru ta' persuni f'sitwazzjoni ta' iżolament f'teatru tal-operazzjonijiet, inkluż f'operazzjonijiet ta' kontra t-terroriżmu.

Fl-aħħar nett, ħidma mmexxija mill-EDA dwar is-Sistema ta' Identifikazzjoni Ċentrata fuq is-Suldat (SCIS) hija mistennija li ttejjeb b'mod sinifikanti l-protezzjoni tal-persunal Ewropew f'operazzjonijiet Kontra t-Terroriżmu.
